# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

1 ta' April 2008 *

Fil-Kawżi magħquda C-14/06 u C-295/06,

li għandhom bħala suġġett rikorsi għal annullament taħt l-Artikoli 230 KE, imressqa fil-11 ta' Jannar 2006 (C-14/06) u fid-9 ta' Jannar 2006 (C-295/06, irreġistrat inizjalment fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej bin-numru T-5/06),

**Il-Parlament Ewropew**, irrappreżentat minn K. Bradley, A. Neergaard u I. Klavina, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti fil-Kawża C-14/06,

**Ir-Renju tad-Danimarka**, irrappreżentat minn J. Molde, B. Weis Fogh u J. Bering Liisberg, bħala aġenti,

rikorrenti fil-Kawża C-295/06,

* Lingwi tal-kawża: l-Ingliż u d-Daniż.

sostnuti minn:

**Ir-Renju tad-Danimarka** (Kawża C-14/06), irrappreżentat minn J. Molde, B. Weis Fogh u J. Bering Liisberg, bħala aġenti,

**Ir-Repubblika Portugiża**, irrappreżentata minn L. Fernandes u M. J. Lois, bħala aġenti,

**Ir-Repubblika tal-Finlandja**, irrappreżentata minn A. Guimaraes-Purokoski, bħala aġent, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

**Ir-Renju ta' l-Iżvezja**, irrappreżentat minn A. Kruse, bħala aġent,

**Ir-Renju tan-Norveġja**, irrappreżentat minn I. Djupvik, K. Waage u K. B. Moen, bħala aġenti, assistiti minn E. Holmedal, advokat,

intervenjenti,

vs

**Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**, irrappreżentata minn X. Lewis, M. Konstantinidis u H. Støvlbæk, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta,

sostnuta minn:

**Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq**, irrappreżentat minn V. Jackson, bħala aġent, assistita minn J. Maurici, barrister,

intervenjenti,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, C. W. A. Timmermans, A. Rosas (Relatur), K. Lenaerts u L. Bay Larsen, Presidenti ta' l-Awla, K. Schiemann, J. Makarczyk, P. Kūris, E. Juhász, E. Levits, A. Ó Caoimh, P. Lindh u J.-C. Bonichot, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: H. von Holstein, Assistent Reġistratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2007,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li l-kawża tiġi deċiża mingħajr ma jsiru konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 Permezz tar-rikors tiegħu, irreġistrat bin-numru C-14/06, il-Parlament Ewropew jitlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummisjoni 2005/717/KE, tat-13 ta' Ottubru 2005, li temenda, għall-finijiet ta' l-adattament tiegħu għall-progress tekniku, l-Anness tad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 271, p. 48, iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni kkontestata").

2 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-10 ta' Lulju 2006, ġie aċċettat l-intervent tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Portugiża, tar-Repubblika Finlandiża, tar-Renju ta' l-Iżvezja u tar-Renju tan-Norveġja in sostenn tat-talbiet tal-Parlament, filwaqt li ġie aċċettat l-intervent tar-Renju tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq in sostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

3 Permezz tar-rikors tiegħu ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej fid-9 ta' Jannar 2006, irreġistrat bin-numru T-5/06, ir-Renju

tad-Danimarka talab ukoll l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Permezz ta' digriet tas-27 ta' Ġunju 2006, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma aċċettatx il-ġurisdizzjoni f'din il-kawża, skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 54 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, u l-Artikolu 80 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tiddeċiedi fuq it-talba għal annullament. Il-kawża ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja bin-numru C-295/06.

4 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Settembru 2006, ġie aċċettat l-intervent tar-Repubblika Portugiża, tar-Repubblika Finlandiża, tar-Renju ta' l-Iżvezja u tar-Renju tan-Norveġja in sostenn tat-talbiet tar-Renju tad-Danimarka, filwaqt li ġie aċċettat l-intervent tar-Renju tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq in sostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

5 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Novembru 2006, il-kawżi C-14/06 u C-295/06 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub, safejn din ma kinitx għadha ntemmet, u għall-finijiet tal-proċedura orali kif ukoll għas-sentenza.

## Il-kuntest ġuridiku

6 Il-ħames, is-sitt u l-ħdax-il premessa tad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Jannar 2003, dwar ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 37, p. 19) jipprovdu li ġej:

"(5) Ix-xhieda disponibbli tindika illi l-miżuri dwar il-ġbir, it-trattament, ir-riċiklaġġ u d-disponiment [mill-iskart ta'] tagħmir elettriku u elettroniku [...] (WEEE) kif iddikjarati fid-Direttiva [2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-]

Kunsill, [tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku] għalbiex inaqqsu l-problemi tal-ġestjoni ta' l-iskart marbuta mal-metalli t-tqal [ikkonċernati] u r-ritardanti tal-fjammi tan-nar [ikkonċernati]. Minkejja dawn il-miżuri, madankollu, partijiet sinifikanti tal-WEEE jridu jissoktaw jinstabu fir-rotot tad-disponiment k[u]rrenti. Saħansitra jekk il-WEEE jiġi miġbur separatament u sottomess għall-proċessi tar-riċiklaġġ, il-kontenut tal-merkurju, tal-kadmju, taċ-ċomb, tal-kromju VI, tal-PBE u tal-PDBE x'aktarx li joħolqu riskji għas-saħħa jew għall-ambjent.

(6) Filwaqt li titqies il-probabbiltà teknika u ekonomika tas-suċċess, l-iktar manjiera effettiva għalbiex jiġi żgurat tnaqqis sinifikanti fir-riskji għas-saħħa u għall-ambjent li għandhom x'jaqsmu ma' dawk is-sustanzi li jistgħu jiksbu l-livell magħżul ta' protezzjoni fil-Komunità hija s-sostituzjoni ta' dawn i[s]-sustanzi fit-tagħmir elettriku u elettroniku b'materjali żguri jew iktar żguri. Ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' dawn is-sustanzi ta' riskju x'aktarx li ttejjeb il-possibbiltajiet u l-profittabbiltà ekonomika tar-riċiklaġġ tal-WEEE u tnaqqas l-impatt negattiv fuq is-saħħa tal-ħaddiema fl-impjanti tar-riċiklaġġ.

[…]

(11) L-eżenzjonijiet mill-ħ[t]ieġa tas-sostituzzjoni għandhom jiġu permessi jekk is-sostituzzjoni ma tkunx possibbli mil-lat xjentifiku u tekniku jew jekk l-impatti negattivi ambjentali u fuq is-saħħa kkawżati mis-sostituzzjoni x'aktarx li jegħilbu l-benefiċċji umani u ambjentali tas-sostituzzjoni. Is-sostituzzjoni tas-sustanzi ta' riskju fit-tagħ[mir] elettriku u elettroniku għandha titwettaq ukoll hekk li tkun komp[a]tibbli mas-saħħa u s-sigurtà ta' l-utenti tat-tagħmir elettriku u elettroniku (EEE)."

7 L-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2002/95, intitolat "Il-Prevenzjoni", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, mill-1 ta' Lulju 2006, it-tagħmir elettriku u elettroniku l-ġdid imqiegħed fis-suq ma jkunx fih ċomb, merkurju, kadmju, kromju essavalenti, bifenili ppolibrominatati (PBB) jew eteri tad-difenil polibominatat (PBDE). Jistgħu jinżammu sa l-1 ta' Lulju 2006 il-miżuri nazzjonali restrittivi jew li jipprojbixxu l-użu ta' dawn is-sustanzi fit-tagħmir elettriku u elettroniku li kienu adottati [skond il]-leġiżlazzjoni Komunitarja qabel l-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Il-paragrafu 1 ma għandhux japplika għall-applikazzjonijiet elenkati fl-Anness."

8 L-Artikolu 5(1) ta' din id-Direttiva, intitolat "L-Addattament għall-progress xjentifiku u tekniku", jipprovdi:

"1. Kull emenda li hija meħtieġa sabiex taddatta l-Anness mal-progress xjentifiku u tekniku għandha tiġi adottata bl-għanijiet li ġejjin skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 7(2):

[...]

b) sabiex teżenta l-materjali u l-komponenti tat-tagħmir elettriku u elettroniku mill-Artikolu 4(1) jekk l-eliminazzjoni jew is-sostituzzjoni tagħhom permezz

tal-bidliet fid-disinn jew tal-materjali u l-komponenti li ma jeħtieġu l-ebda waħda mill-materjali u s-sustanzi riferiti fih ma jkunux teknikament jew xjentifikament prattikabbli, jew meta l-impatti negattivi ambjentali, tas-saħħa u/jew għas-sigurtà tal-konsumatur ikkawżati bis-sostituzzjoni x'aktarx li jegħilbu l-benefiċċji ambjentali, tas-saħħa u għas-sigurtà tal-konsumatur ta' dawn;

[...]."

9 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/95 jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KE, tal-15 ta' Lulju 1975, dwar l-iskart (ĠU L 194, p. 39).

10 L-Anness tad-Direttiva 2002/95 huwa intitolat "L-applikazzjonijiet taċ-ċomb il-merkurju, il-kadmju u l-kromju essavalenti, li huma eżentati mill-ħtiġiet ta' l-Artikolu 4 (1)".

11 Il-punt 10 ta' dan l-anness jipprovdi li ġej:

"[Fil-kuntest ta]l-proċedura riferita fl-Artikolu 7 (2), il-Kummisjoni għand[h]a tivvaluta l-applikazzjonijiet ta':

— id-Deca BDE,

— il-merkurju fil-bozoz dritti tad-dawl fluworexxenti għal għanijiet speċjali,

— iċ-ċomb fl-istannijiet ta' l-oġġetti li jservu, il-ħażna u s-sistemi tal-wiri fl-ordni tal-ħażna, it-tagħmir ta' l-infrastrutturi tan-networks għas-swiċċjar, is-sinjalar, it-trasmissjoni kif ukoll il-ġestjoni tan-networks għat-telekomunikazzjonijiet (bil-ħsieb li jiġi ffissat limitu taż-żmien għal din l-eżenzjoni), u

— il-bozoz tad-dawl,

bħala materja ta' prijorità sabiex jiġi stabbilit malajr kemm jista' jkun jekk dawn l-intestaturi jridux jiġu emendati kif jixraq."

12 Fit-13 ta' Ottubru 2005, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata. Din hija bbażata fuq id-Direttiva 2002/95 u, b'mod partikolari, fuq l-Artikolu 5(1)(b) tagħha.

13 It-tieni sar-raba' u s-seba' premessi ta' din id-deċiżjoni jipprovdu li ġej:

"(2) Ċerti materjali u komponenti li jkun fihom ċomb, merkurju, kadmju, kromju essavalenti, bifenili ppolibrominatati (PBB) jew eteri tad-definil polibominatatou (PBDE) għandhom ikunu eżenti mill-projbizzjoni, safejn l-eleminazzjoni ta' dawn is-sustanzi ta' riskju jew is-sostitut tagħhom f'dawn il-materjali jew komponenti għadha imprattikabbli.

(3) Peress li l-evalwazzjoni tar-riskju mwettqa fuq id-decabromodiphenyl (id-Deca BDE) skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93, tat-23 ta’ Marzu 1993, dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta’ sustanzi eżistenti [(ĠU L 84, p. 1), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, p. 1)] wasslet għall-konklużjoni li miżuri oħrajn barra dawk li huma diġà applikati sabiex inaqqsu r-riskji ta’ din is-sustanza għall-konsumaturi huma fil-mument inutli, iżda li studji adizzjonali huma meħtieġa, id-Deca BDE jista’, sakemm tingħata ordni ġdida, ikun eżentat mid-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/95/KE. Jekk, minn provi ġodda, l-evalwazzjoni tar-riskju twassal għal konklużjoni differenti, din id-deċiżjoni għandha terġa’ tiġi eżaminata u emendata jekk ikun xieraq. Fl-istess ħin, l-industrija qed timplementa spontanjament programm għat-tnaqqis ta’ l-emissjonijiet.

(4) L-eżenzjonijiet mogħtija għal ċerti materjali jew komponenti speċifiċi għandhom ikollhom portata limitata, sabiex is-sustanzi ta’ riskju ta’ tagħmir elettriku u elettroniku jiġu eliminati progressivament, peress li l-użu tagħhom għal dawn l-applikazzjonijiet mhuwiex ser jibqa’ indispensabbli.

[…]

(7) Il-Kummissjoni ppreżentat il-miżuri msemmija minn din id-deċiżjoni lill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE […]. Ma kienx hemm maġġoranza kwalifikata favur dawn il-miżuri. Konsegwentement, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE, Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill ġiet ippreżentata lill-Kunsill fis-6 ta’ Ġunju 2005. Peress li l-Kunsill ma adottax il-miżuri proposti sa l-iskadenza tat-terminu msemmi fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2002/95/CE u lanqas ma indika li huwa kien jopponi dawn il-miżuri skond l-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, tat-28 ta’ Ġunju 1999, li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta’ l-implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [(ĠU L 184, p. 23)], il-Kummissjoni għandha tadotta dawn il-miżuri.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

14 L-uniku Artikolu tad-deċiżjoni kkontestata jipprovdi li l-Anness tad-Direttiva 2000/95 huwa emendat skond l-Anness ta' din id-deċiżjoni.

15 L-Anness tad-deċiżjoni kkontestata jipprovdi:

"L-Anness tad-Direttiva 2002/95/KE huwa emendat kif ġej:

1) It-titolu huwa sostitwit bit-test li ġej:

'Applikazzjonijiet ta' ċomb, merkurju, kadmju, kromju essavalenti, bifenili ppolibrominatati (PBB) jew eteri tad-definil polibominatat (PBDE), li kienu eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(1).';

2) Is-segwenti punt 9a huwa miżjud:

'9a. Id-Deca BDE fl-applikazzjonijiet polimeriċi.'

3) Is-segwenti punt 9b huwa miżjud:

'9 b. Iċ-ċomb f'bearing shells u bushes taċ-ċomb/bronż.'" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

**Il-prodott in kwistjoni**

16 Id-Deca BDE huwa tip ta' ritardant tal-fjammi, b'bażi ta' bromin, li jagħmel parti mill-PBDE. Huwa jintuża prinċipalment bħala ritardant tal-fjammi fil-polimeri, b'mod partikolari f'dawk użati fil-casings għal tagħmir elettriku u elettroniku, kif ukoll fil-kisi ta' tessuti.

17 Din is-sustanza kienet suġġetta għal evalwazzjonijiet skond ir-Regolament Nru 793/93. Ir-Renju Unit kien responsabbli li jevalwa l-impatt tagħha fuq l-ambjent, filwaqt li r-Repubblika Franċiża kienet responsabbli li teżamina l-impatt tagħha fuq is-saħħa tal-bniedem.

18 L-ewwel rapport — il-"European Union Risk Assessment Report" (rapport ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskji) ta' l-2002 (iktar 'il quddiem ir-"Rapport ta' l-2002"), ġie ppreżentat lill-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent (CSTEE), li ta opinjoni.

19 F'Mejju 2004, ir-Renju Unit adotta aġġornament tas-sezzjoni ambjentali ta' l-ewwel evalwazzjoni tar-riskji tad-Deca BDE, intitolat "Final environmental assessment report for décaBDE" (rapport finali dwar l-evalwazzjoni tar-riskji għall-ambjent tad-Deca BDE, iktar 'il quddiem ir-"Rapport ta' l-2004"). Dan ir-rapport kien indirizzat lill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Saħħa u r-Riskji Ambjentali (iktar 'il quddiem "SCHER") tal-Kummissjoni. Dan ta' l-aħħar jissostitwixxi lil CSTEE bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2004/210/KE, tat-3 ta' Marzu 2004, li twaqqaf Kumitati Xjentifiċi fil-qasam tas-saħħa tal-konsumatur, is-saħħa pubblika u l-ambjent (ĠU L 66, p. 45). Is-SCHER ħareġ opinjoni fit-18 ta' Marzu 2005.

20 F'Awwissu 2005, ir-relatur tar-Renju Unit iċċirkola dokument intitolat "Addendum to the May 2004 Environmental Risk Assessment Report for DecaBDE" (Addendum għar-Rapport dwar l-Evalwazzjoni tar-Riskji għall-Ambjent tad-Deca DBE ta' Mejju 2004). Dan id-dokument ikkonkluda li ma kienx jidher li huwa neċessarju li dan l-aħħar rapport jiġi emendat minħabba provi ġodda li sadanittant kienu saru disponibbli.

**Fuq is-suġġett tar-rikorsi**

*L-argumenti tal-partijiet*

21 Il-Parlament jitlob l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Ir-Renju Unit jitlob l-annullament tal-punt 2 ta' l-Anness tagħha u, konsegwentement, tal-punt 1.

22 Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-Parlament ma jagħti ebda raġuni għaliex il-punti 1 u 3 ta' l-Anness tad-deċiżjoni kkontestata għandhom jiġu annullati u titlob li r-rikors ikun limitat għal punt 2 ta' dan l-anness.

23 Il-Parlament jirrispondi li t-titolu li jidher fil-punt 1 jagħmel referenza għad-Deca BDE u josserva li l-punt 3 ta' l-imsemmi anness, dwar l-eżenzjoni ta' "ċomb f'bearing shells u bushes taċ-ċomb/bronż" mhuwiex motivat. Sussidjarjament, il-Parlament jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara r-rikors tiegħu ammissibli għal dak li jirrigwarda l-punti 1 u 2 ta' l-Anness tad-deċiżjoni kkontestata.

24 Fil-kontro-replika tagħha fil-kawża C-14/06, il-Kummissjoni tindika li l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2005/618/KE tagħha, tat-18 ta' Awwissu 2005, li temenda d-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-finijiet li tiffissa l-valuri massimi ta' konċentrazzjoni ta' ċerti sustanzi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 214, p. 65), safejn tapplika għall-impuritajiet tal-PBDE u tagħmel il-kummerċjalizzazzjoni tad-Deca BDE diffiċli, tista' tnaqqas il-portata tal-kontroversja f'din il-kawża.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

25 Mill-eżami tar-rikors tal-Parlament ma jirriżulta ebda motiv li jikkonċerna speċifikament il-punt 3 ta' l-Anness tad-deċiżjoni kkontestata. Min-naħa l-oħra, l-annullament tal-punt 2 tiegħu jista' jwassal, bħala konsegwenza, għall-annullament tal-punt 1.

26 L-emenda fit-titolu ta' l-Anness tad-Direttiva 2002/95, magħmula permezz tal-punt 1 billi tiddaħħal, b'mod partikolari, referenza għall- PBDE, tidher li tirriżulta min-neċessità li tiġi assigurata rabta bejn dan it-titolu u l-kontenut ta' dan l-anness, kif emendat permezz tal-punt 2 imsemmi hawn fuq.

27 Fil-fatt, dan il-punt 2 idaħħal fl-imsemmi anness punt ġdid, il-punt 9a, iddedikat għad-Deca BDE, sustanza li taqa' taħt il-kategorija tal-PBDE. Minn dan isegwi li l-punti 1 u 2 ta' l-Anness tad-deċiżjoni kkontestata jistgħu ma jkunux separabbli fid-dawl ta' annullament eventwali ta' dan l-imsemmi punt 2. Għalhekk, is-suġġett tar-rikors tal-Parlament għandu jiġi limitat għal dawn iż-żewġ punti.

28 Fir-rigward ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2005/618 li, skond il-Kummissjoni, setgħet tagħmel il-kummerċjalizzazzjoni tad-Deca BDE diffiċli, ma jidhirx li hija ċaħdet lir-rikorsi mill-iskop tagħhom, peress li diffikultà ta' kummerċjalizzazzjoni ma għandhiex l-istess effett ta' projbizzjoni totali ta' użu, li tkun il-konsegwenza ta' annullament tad-deċiżjoni ta' eżenzjoni ta' dan il-prodott.

## Fuq ir-rikorsi

29 Il-Parlament u r-Renju tad-Danimarka jsostnu l-motivi li ġejjin, li jistgħu jiġu miġbura flimkien u mqassra kif ġej: l-ewwel nett, huma jsostnu li l-Kummissjoni, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, ma osservatx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2002/95 u li, billi għamlet dan, hija abbużat mill-poteri li kienu ddelegati lilha mil-leġiżlatur; it-tieni nett, huma jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata b'nuqqas ta' motivazzjoni safejn hija ma tindika bl-ebda mod kif huma ssodisfati l-kundizzjonijiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni; it-tielet nett, huma jallegaw li l-Kummissjoni ma osservatx, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-prinċipju ta' prekawzjoni. Barra minn hekk, il-Parlament isostni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità safejn id-deċiżjoni kkontestata eżentat l-applikazzjonijiet polomeriċi kollha tad-Deca BDE.

### *Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur ta' l-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2002/95, kif ukoll l-abbuż u/jew l-użu ħażin ta' poter*

L-argumenti tal-partijiet

30 Il-Parlament u r-Renju tad-Danimarka jsostnu li l-Kummissjoni ma osservatx il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2002/95 u li, billi għamlet dan, hija abbużat mill-poteri li kienu ddelegati lilha mil-leġiżlatur Komunitarju.

31 Ir-Renju tad-Danimarka jfakkar li, meta l-Parlament u l-Kunsill jagħtu lill-Kummissjoni poteri ta' implementazzjoni skond l-Artikolu 202 KE, hija għandha, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-poteri, tistinka sabiex tosserva l-għanijiet u tapplika l-kriterji stabbiliti mil-leġiżlatur Komunitarju. F'din il-kawża, il-Kummissjoni mhux talli kisret il-kundizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2002/95, iżda wkoll użat il-poteri li kienu ddelegati lilha sabiex timponi l-evalwazzjoni tar-riskji tagħha stess minflok dik tal-leġiżlatur, b'tali mod li użat ħażin il-poteri tagħha.

32 Ir-rikorrenti jikkunsidraw li, safejn, permezz ta' l-Artikolu 4(1) tagħha, id-Direttiva 2002/95 tistabbilixxi l-prinċipju ta' projbizzjoni tas-sustanzi li hija telenka, il-possibbiltà ta' eżenzjoni prevista fl-Artikolu 5(1)(b) tagħha għandha tiġi interpretata b'mod ristrettiv. Il-possibbiltà ta' eżenzjoni tista' tkopri biss l-applikazzjoni ta' sustanzi, u mhux sustanza bħala tali, peress li altrimenti tikser l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva.

33 In sostenn ta' dan l-argument, ir-rikorrenti jiċċitaw id-deċiżjonijiet l-oħra adottati fuq il-bażi ta' l-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2002/95, li jkopru biss applikazzjonijiet speċifiċi, kif ukoll ir-raba' premessa tad-deċiżjoni kkontestata, li tipprovdi li "l-eżenzjonijiet mogħtija għal ċerti materjali jew komponenti speċifiċi għandhom ikollhom portata limitata".

34 Ir-rikorrenti jsostnu, l-ewwel nett, li l-kundizzjoni indikata fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/95, li tirreferi għal kull emenda "meħtieġa sabiex tadatta l-Anness mal-progress xjentifiku u tekniku" mhijiex issodisfata. Kuntrarjarment, id-data xjentifika disponibbli wara l-adozzjoni ta' din id-direttiva ssaħħaħ id-dubji li jeżistu rigward il-perikli tad-Deca BDE.

35 Skond ir-rikorrenti, il-Kummissjoni lanqas ma wriet li waħda miż-żewġ kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2002/95 kienet issodisfata, iżda użat kriterju mhux previst minn din id-direttiva, u konsegwentement illegali, meta kkonstatat, fit-tielet premessa tad-deċiżjoni kkontestata, li "l-evalwazzjoni tar-riskju mwettqa fuq id-decabromodiphenyl (id-Deca BDE) skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 [...] wasslet għall-konklużjoni li miżuri oħrajn barra dawk li huma diġà applikati sabiex inaqqsu r-riskji ta' din is-sustanza għall-konsumaturi huma fil-mument inutli".

36 Billi għamlet dan, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq studju adottat fil-kuntest ta' regolament li għandu filosofija differenti, studju li ma kienx ippreparat bl-għan ta' l-osservanza tal-prinċipju ta' prekawżjoni u li ma kienx intiż sabiex jiddetermina jekk waħda mill-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2002/95 kinitx issodisfata. Il-Kummissjoni għamlet l-evalwazzjoni ġenerali ġdida tar-riskju u, billi eżentat, fuq din il-bażi, is-sustanza in kwistjoni bħala tali, evitat l-applikazzjoni tad-deċiżjoni tal-leġiżlatur Komunitajru u neħħiet l-effett utli ta' din id-direttiva.

37 Ir-Renju tad-Danimarka jsostni li l-Kummissjoni bl-ebda mod ma eżaminat il-possibbiltajiet ta' sostituzzjoni tad-Deca BDE għalkemm ħafna produtturi waqfu milli jużawh u jsostnu dan fil-kuntest tal-politika ambjentali tagħhom. It-tieni premessa tad-deċiżjoni kkontestata, li tipprovdi li "l-eliminazzjoni ta' dawn is-sustanzi ta' riskju jew is-sostitut tagħhom [...] għadha imprattikabbli", hija żbaljata f'dan ir-rigward. L-ewwel kundizzjoni prevista fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2002/95 mhijiex għaldaqstant, f'kull każ, issodisfata.

38 Ir-Renju tan-Norveġja jenfasizza li l-Kummissjoni użat il-konklużjonijiet tad-diversi rapporti ppreżentati fil-kuntest tar-Regolament Nru 793/93 b'mod selettiv, billi naqset l-importanza tat-tħassib serju li jirriżulta b'mod ċar minn dawn ir-rapporti u mill-opinjonijiet tal-kumitati xjentifiċi, kif ukoll ta' l-għarfien dejjem jikber tar-riskji

marbutin mad-Deca BDE. Fit-tielet premessa tad-deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari, il-Kummissjoni tirreferi biss għar-riskju mġarrab mill-konsumaturi, filwaqt li l-imsemmija rapporti kienu jitrattaw rispettivament il-ħaddiema, il-konsumaturi u l-persuni esposti indirettament permezz ta' l-ambjent.

39 Il-Kummissjoni tfakkar id-diffikultajiet marbuta ma' l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u ssostni li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/95 ma għandux jiġi interpretat b'mod ristrettiv.

40 Hija tirreleva, l-ewwel nett, li l-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, li jipprojbixxi l-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju, huwa immedjatament segwit mill-Artikolu 4(2) ta' l-istess direttiva, li jipprevedi eżenzjonijiet għal din il-projbizzjoni, u li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom, konsegwentement, l-effett li jistabbilixxu projbizzjoni li l-portata tagħha hija iktar limitata milli tidher.

41 Il-Kummissjoni tosserva, it-tieni nett, li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/95 ma għandux l-effett li jagħtiha poter strettament definit, iżda pjuttost jobbligaha taġixxi jekk waħda mill-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(1)(b) ta' din id-direttiva tkun issodisfata, b'tali mod li ma jħallilha ebda marġni ta' diskrezzjoni.

42 Il-Kummissjoni ssostni, fl-aħħar nett, li għalkemm l-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2002/95 jikkostitwixxi l-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata, xorta waħda għandu jittieħed in kunsiderazzjoni l-punt 10 ta' l-Anness ta' din id-direttiva. Dan għandu effetti legali, safejn bis-saħħa tiegħu kull azzjoni tal-Kummissjoni

li tirrigwarda d-Deca BDE tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/95. Konsegwentement, hija mhijiex meħtieġa turi li azzjoni partikolari li hija tieħu fir-rigward tad-Deca BDE u li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/95 tikkostitwixxi adattament għall-progress xjentifiku u tekniku.

43 F'dan ir-rigward, ir-Renju Unit iżid li dan il-punt 10 jirrifletti l-eżitazzjoni tal-leġiżlatur Komunitarju, li rrikonoxxa li evalwazzjoni addizzjonali hija ġustifikata. Dan l-Istat Membru jikkunsidra, barra minn hekk, li, għall-evalwazzjoni ta' tali problemi tekniċi, il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni wiesa' u li huwa neċessarju li jintwera li hija għamlet żball manifest.

44 Il-Kummissjoni ssostni li, f'din il-kawża, it-tieni kundizzjoni prevista fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2002/95 kienet issodisfata. Mir-Rapport ta' l-2002 jirriżulta li "ebda test jew/u informazzjoni addizzjonali u ebda miżura ta' tnaqqis tar-riskju iktar minn dawk li diġà qegħdin jiġu applikati ma huma attwalment meħtieġa".

45 Din il-konklużjoni kienet ikkonfermata mis-CSTEE kif ukoll mir-rakkomandazzjoni politika magħmula fil-kuntest tar-Rapport ta' l-2004, li fiha kienet miftehma l-implementazzjoni ta' programm volontarju ta' tnaqqis ta' emissjonijiet flimkien mal-ġabra ta' data addizzjonali. L-abbozz ta' l-addendum ta' l-2005 ikkunsidra li l-konklużjoni fir-Rapport ta' l-2004 ma kellhiex għalfejn tkun emendata fid-dawl ta' data ġdida iżda kien irrakkomandat li l-programmi ta' monitoraġġ eżistenti jiġu estiżi.

46 Fir-rigward tal-fatt li l-projbizzjoni tad-Deca BDE qatt ma kienet ikkunsidrata fl-opinjonijiet xjentifiċi, il-Kummissjoni ma kellhiex l-obbligu teżamina r-rilevanza tal-prodotti sostituti fuq l-ambjent, is-saħħa u s-sigurtà. Dan l-eżami kien ikun neċessarju biss li kieku kienet meħtieġa tali projbizzjoni. Bl-istess mod, ma kien hemm ebda raġuni sabiex l-eżenzjoni tiġi limitata għal applikazzjonijiet speċifiċi tad-Deca BDE.

47 Il-Kummissjoni ssostni, barra minn hekk, li hija ma għandhiex l-obbligu tikkonsulta s-SCHER jew li tieħu in kunsiderazzjoni l-opinjoni tiegħu, peress li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/95 jipprovdi li hija għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442, jiġifieri l-Kumitat għall-adattament għall-progress tekniku.

48 Il-Parlament, kif ukoll ir-Renju tad-Danimarka, ir-Renju ta' l-Iżvezja u r-Renju tan-Norveġja jsostnu li l-effett tal-punt 10 ta' l-Anness tad-Direttiva 2002/95 kien biss li joħloq prijorità fiż-żmien u mhux li jikkonferixxi setgħa jew li joħloq proċedura ta' evalwazzjoni separata minn dik diġà prevista mid-Direttiva 2002/95. Din l-interpretazzjoni tal-punt 10 tagħha hija sostnuta mill-kuntest li fih kienet adottata din id-direttiva.

49 B'risposta għall-argument tar-Renju Unit li l-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex tevalwa tali problemi tekniċi, il-Parlament jenfasizza li dawn il-motivi bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' prekawzjoni, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u ta' obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxu motivi awtonomi u sussisdjarji għall-ewwel motiv tiegħu, li jirrigwarda l-obbligu, għall-Kummissjoni, li tosserva l-kundizzjonijiet u l-limiti tal-poteri ta' implementazzjoni tagħha.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

50 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li, skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 7(1) KE, l-Istituzzjonijiet tal-Komunità jistgħu jaġixxu biss fil-limiti tal-poteri mogħtija lilhom mit-Trattat KE (sentenza tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Parlament vs Il-Kummissjoni, C-403/05, Ġabra p. I-9045, punt 49).

51 Skond it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 202 KE, sabiex jiġi assigurat li jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattat u taħt il-kundizzjonijiet stipulati fih, il-Kunsill għandu jagħti lill-Kummissjoni, fl-atti li jadotta, il-poteri għall-implementazzjoni tar-regoli li huwa jistabbilixxi. Il-Kunsill jista' jissuġġetta l-eżerċizzju ta' dawn il-poteri għal ċerti rekwiżiti u jista' jirriserva d-dritt, f'każijiet speċifiċi, li jeżerċita huwa nnifsu direttament il-poteri ta' implementazzjoni (sentenza Il-Parlament vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50).

52 Fil-kuntest ta' dawn il-kompetenzi, li l-limiti tagħhom jistgħu jiġu evalwati b'mod partikolari fid-dawl ta' l-għanijiet ġenerali essenzjali tal-leġiżlazzjoni in kwistjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta kull miżura ta' applikazzjoni neċessarja jew utli għall-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni bażika, safejn dawn il-miżuri ma jmorrux kontriha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 1995, L-Olanda vs Il-Kummissjoni, C-478/93, Ġabra p. I-3081, punti 30 u 31; kif ukoll tad-19 ta' Novembru 1998, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni, C-159/96, Ġabra p. I-7379, punti 40 u 41, kif ukoll Il-Parlament vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 51).

53 Peress li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq id-Direttiva 2002/95 u, b'mod partikolari, fuq l-Artikoli 5(1)(b) tagħha, għandha tiġi eżaminata din id-dispożizzjoni.

54 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/95 jittratta l-emendi ta' l-Anness tagħha. Skond l-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva, l-imsemmi anness fih lista ta' applikazzjonijiet li għalihom ma tapplikax il-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku jew elettroniku li jkun fih ċomb, merkurju, kadmju, kromju essavalenti, PBB jew PBDE, kif previst fl-Artikolu 4(1) ta' l-imsemmija direttiva.

55 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/95 huwa intitolat "L-Addattament għall-progress xjentifiku u tekniku." Mill-parti introduttiva ta' l-Artikolu 5(1) jirriżulta li, sabiex l-Anness ta' din id-direttiva jiġi adattat għall-progress xjentiku u tekniku u sabiex jiġi emendat, konsegwentement, għall-finijiet previsti fil-punti a) sa c) ta' l-imsemmi Artikolu 5(1), għandha tiġi osservata l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' l-istess direttiva.

56 L-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2002/95 huwa speċifiku għall-eżenzjoni ta' materjali u komponenti ta' tagħmir elettriku u elettroniku mill-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva. Tali eżenzjoni tapplika biss jekk waħda jew l-oħra miż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija tkun issodisfata, jiġifieri jew jekk l-eliminazzjoni jew is-sostituzzjoni tagħhom permezz ta' bidliet fid-disinn jew ta' materjali u komponenti li ma jeħtieġu ebda materjal jew sustanza msemmija f'dan l-artikolu ma tkunx teknikament jew xjentifikament prattikabbli, jew jekk ikun probabbli li l-impatti negattivi fuq l-ambjent, is-saħħa u/jew is-sigurtà tal-konsumatur ikkawżati bis-sostituzzjoni jegħlbu l-benefiċċji li jirriżultaw minn din is-sostituzzjoni għall-ambjent, is-saħħa u s-sigurtà tal-konsumatur.

57 M'hemm ebda indikazzjoni fit-test li tippermetti lil wieħed jaħseb li din il-kundizzjoni alternattiva ta' eżenzjoni li tinsab fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2002/95 tista' tiġi interpretata indipendentament mit-titolu ta' l-Artikolu 5 u mit-test tal-parti introduttiva ta' l-Artikolu 5(1). Kuntrarjament, peress li d-Direttiva 2002/95 fiha Anness wieħed biss u peress li dan jelenka biss il-materjali u komponenti eżenti,

estenzjoni ta' din il-lista timponi li għandha tkun issodisfata l-kundizzjoni li l-emenda tkun neċessarja sabiex tadatta dan l-anness għall-progress xjentifiku u tekniku, u dan flimkien ma' waħda miż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(b) ta' din id-direttiva.

58 Għaldaqstant, jekk il-kundizzjonijiet tal-parti introduttiva ta' l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/95 jew waħda minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(b) ma jkunux issodisfati, it-tqegħid fuq is-suq tat-tagħmir elettriku jew elettroniku in kwistjoni ma jistax jiġi eskluż mill-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva.

59 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, ħlief il-kundizzjoni dwar l-għajnuna tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/95, il-kundizzjonijiet l-oħrajn ta' l-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva ma kinux osservati mill-Kummissjoni meta adottat id-deċiżjoni kkontestata.

60 Fil-fatt, din id-deċiżjoni kienet adottata billi ttieħdu in kunsiderazzjoni l-konklużjonijiet tar-Rapport ta' l-2002, konklużjonijiet li ma kinux emendati mir-Rapporti ta' l-2004 u ta' l-2005. Minn dan isegwi li, fid-dawl tad-data li fiha kienet adottata din id-direttiva, jiġifieri s-27 ta' Jannar 2003, il-kundizzjoni tan-neċessità ta' l-adattament ta' l-Anness tagħha għall-progress xjentifiku u tekniku, imsemmija fil-parti introduttiva ta' l-Artikolu 5(1) ta' l-imsemmija direttiva, ma kinitx issodisfata.

61 Il-Kummissjoni ssostni li l-inklużjoni tad-Deca BDE fil-punt 10 ta' l-Anness tad-Direttiva 2002/95 ifisser li mhijiex meħtieġa turi li kull azzjoni tagħha li tirrigwarda

d-Deca BDE u li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/95 tikkostitwixxi adattament għall-progress xjentifiku u tekniku. Anke jekk dan huwa l-każ, għandu jiġi kkonstatat li dan ma jeħlisx lill-Kummissjoni milli tistabbilixxi li waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(b) ta' l-istess direttiva kienet issodisfata.

62 Fin-noti tagħha, il-Kummissjoni ssostni f'dan ir-rigward li, f'din il-kawża, hija t-tieni kundizzjoni prevista fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2002/95 li hija ssodisfata peress li d-diversi rapporti ta' evalwazzjoni jindikaw li ma kienx neċessarju li jiġu applikati miżuri oħrajn għat-tnaqqis tar-riskji barra dawk li kienu diġà qed jiġu applikati. Mit-tielet premessa tad-deċiżjoni kkontestata, li, skond il-Kummissjoni, kienet miktuba mill-Kunsill, jirriżulta li din il-kundizzjoni ġiet osservata.

63 Madankollu, għandu jiġi osservat li la t-tielet premessa tad-deċiżjoni kkontestata u lanqas il-konklużjoni tar-rapporti li tirreferi għalihom il-Kummissjoni ma juru li t-tieni kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 2002/95 ġiet issodisfata.

64 Fil-fatt, dawn ir-rapporti b'ebda mod ma jeżaminaw il-possibbiltajiet ta' sostituzzjoni tad-Deca BDE u lanqas, b'konsegwenza, l-effetti negattivi li dawn il-possibbiltajiet jista' jkollhom. Skond id-dikjarazzjonijiet tal-Parlament fis-seduta, li ma kinux ikkontestati mill-Kummissjoni, kien biss f'Ġunju 2006 li l-Kummissjoni talbet studju dwar il-possibbiltajiet ta' sostituzzjoni tad-Deca BDE.

65 Il-Kummissjoni u r-Renju Unit jikkunsidraw, madankollu, li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/95 għandu jitqiegħed fil-kuntest ta' l-adozzjoni tagħha, li għandu jinqara fid-dawl ta' l-Artikolu 4(2) ta' din l-istess direttiva, liema dispożizzjoni ma għandhiex tiġi interpretata b'mod restrittiv, li l-punt 10 ta' l-Anness ta' l-imsemmija direttiva jobbliga lill-Kummissjoni taġixxi kif hija għamlet u li l-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni wiesa'.

66 Huwa minnu li, kif josservaw il-Kummissjoni u r-Renju Unit, il-punt 10 ta' l-Anness tad-Direttiva 2002/95 jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjonijiet dwar, b'mod partikolari, id-Deca BDE bħala prijorità "sabiex jiġi stabbilit malajr kemm jista' jkun jekk dawn l-intestaturi jridux jiġu emendati kif jixraq". Madankollu, m'hemm xejn fid-Direttiva 2002/95 li jsostni t-teżi li din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Kummissjoni li ma tosservax il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva, konklużjoni li kienet barra dan aċċettata mill-Kummissjoni waqt is-seduta.

67 Fil-fatt, skond ġurisprudenza stabbilita, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda ukoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tagħmel parti minnha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2000, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-156/98, Ġabra p. I-6857, punt 50, u tas-7 ta' Diċembru 2006, SGAE, C-306/05, Ġabra p. I-11519, punt 34).

68 L-ewwel nett, jeħtieġ jiġi rrilevat li mill-kliem ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/95 jirriżulta li l-użu ta' PBDE, kategorija ta' sustanzi li taqa' taħtha d-Deca BDE, huwa projbit fit-tagħmir elettriku u elettroniku mill-1 ta' Lulju 2006.

69 Huwa minnu li, skond l-Artikolu 4(2), din il-projbizzjoni ma tapplikax għall-applikazzjonijiet elenkati fl-Anness ta' l-imsemmija direttiva. Madankollu, kif jirriżulta mill-kliem tal-punt 10 ta' dan l-anness, id-Deca BDE hija msemmija fih mhux bħala sustanza eżentata, iżda bħala sustanza li għandha tkun suġġetta għal evalwazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' din id-direttiva. Issa, l-emenda ta' l-Anness tad-Direttiva 2002/95 skond din il-proċedura għall-finijiet ta' eżenzjoni ta' materjali u komponenti ta' tagħmir elettriku u elettroniku teħtieġ, skond il-kliem ċar u preċiż ta' l-Artikolu 5(1) ta' l-imsemmija direttiva, li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li jidhru f'din id-dispożizzjoni, kundizzjonijiet li b'ebda mod ma jagħmlu referenza għall-punt 10 ta' l-Anness ta' din id-direttiva.

70 Kif isostnu ġustament il-Parlament, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Renju ta' l-Iżvezja u r-Renju tan-Norveġja, il-punt 10 ta' l-Anness tad-Direttiva 2002/95 kellu, għaldaqstant, l-uniku effett li joħloq prijorità fiż-żmien, u mhux li jikkonferixxi setgħa jew li joħloq proċedura ta' evalwazzjoni separata minn dik li hija diġà prevista minn din id-direttiva.

71 It-tieni nett, meta l-Artikolu 5 ta' l-imsemmija direttiva jiġi eżaminat fil-kuntest tagħha, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 5 jippreċiża l-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni mill-prinċipju ta' projbizzjoni stabbilit fl-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva u għandu, għaldaqstant, jiġi interpretat b'mod ristrettiv.

72 Issa, kif enfasizzaw ir-rikorrenti, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2002/95 ma jipprevedix possibbiltà ta' eżenzjoni ħlief għall-applikazzjonijiet ta' sustanzi u mhux għal sustanza bħala tali.

73 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma kkontestatx l-argument tar-rikorrent li peress li d-Deca BDE hija prinċipalment użata fil-polimeri, l-eżenzjoni "fl-applikazzjonijiet polimeriċi", kif tinsab fid-deċiżjoni kkontestata, hija ekwivalenti għal eżenzjoni ġenerali fuq l-użu tad-Deca BDE fit-tagħmir elettriku u elettroniku. Hija indikat, fis-seduta, li d-Deca BDE tista' tintuża fit-tessuti, iżda hemm lok li jiġi kkonstatat li dawn mhumiex imsemmija fid-Direttiva 2002/95 li, kif jindika wkoll it-titolu tagħha, tikkonċerna biss it-tagħmir elettriku u elettroniku.

74 Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' l-għanijiet tad-Direttiva 2002/95, mill-ħames, mis-sitt u mill-ħdax-il premessa tagħha jirriżulta li l-volontà tal-leġiżlatur Komunitarju hija li jipprojbixxi l-prodotti msemmija f'din id-direttiva u li ma jingħatawx eżenzjonijiet ħlief f'kundizzjonijiet definiti bi preċiżjoni.

75 Tali għan, konformi ma' l-Artikolu 152 KE, li jipprovdi li livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem għandu jiġi assigurat fid-definizzjoni u fl-implementazzjoni ta' l-istrateġiji u l-attivitajiet kollha Komunitarji (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2006, Agrarproduktion Staebelow, C-504/04, Ġabra p. I-679, punt 39), kif ukoll ma' l-Artikolu 174(2) KE, li jipprovdi li l-politika Komunitarja dwar l-ambjent għandu jkollha l-mira ta' protezzjoni ta' livell għoli u tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipju li għandha tittieħed azzjoni preventita (ara, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging, C-127/02, Ġabra p. I-7405, punt 44), jiġġustifika din l-interpretazzjoni stretta tal-kundizzjonijiet għal eżenzjoni.

76 F'din il-kawża, u mingħajr ma hemm bżonn li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuq il-portata tal-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata, li hija ekwivalenti għal eżenzjoni ġenerali fuq l-użu tad-Deca BDE fit-tagħmir elettriku u elettroniku, kienet adottata mingħajr ma kienu osservati l-kundizzjonijiet imposti mil-leġiżlatur Komunitarju fl-Artikolu 5(1) tad-

Direttiva 2002/95 u tmur kontra l-għan imfittex minn dan il-leġiżlatur li jistabbilixxi l-prinċipju ta' projbizzjoni tal-komponenti msemmija f'din id-direttiva.

77 Il-Kummissjoni u r-Renju Unit jinvokaw ukoll l-eżistenza ta' programm volontarju għat-tnaqqis ta' emissjonijiet, imsemmi fit-tielet premessa tad-deċiżjoni kkontestata. Madankollu, tali programm mhuwiex rilevanti fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' delega ta' kompetenzi imposti mid-Direttiva 2002/95.

78 Mid-diversi elementi msemmija hawn fuq jirriżulta li, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata safejn tirrigwarda l-eżenzjoni tad-Deca BDE, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2002/95.

79 Fid-dawl ta' din il-konklużjoni, m'hemmx lok li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuq il-klassifikazzjoni ta' l-abbuż u/jew ta' l-użu ħażin tal-poteri invokati fil-kuntest ta' l-ewwel motiv.

*Fuq it-tieni sar-raba' motivi*

80 Peress li l-ewwel motiv huwa fondat, ma jidhirx neċessarju li jiġu eżaminati t-tieni sar-raba' motivi.

81 Minn dak li ntqal qabel jirriżulta li hemm lok li l-punt 2 ta' l-Anness tad-deċiżjoni kkontestata jiġi annullat. Hija l-Kummissjoni li għandha tivverifika jekk, bħala konsegwenza, huwiex neċessarju li tadatta t-titolu ta' l-Anness tad-Direttvia 2002/95 li għalih il-punt 1 ta' l-Anness tad-deċiżjoni kkontestata jirreferi.

**Fuq iż-żamma fis-seħħ ta' l-effetti tad-dispożizzjoni annullata**

82 Fis-seduta, il-Kummissjoni u r-Renju Unit talbu lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każ li tannulla d-dispożizzjonijiet ikkontestati tad-deċiżjoni kkontestata, sabiex iżżomm fis-seħħ l-effetti tagħhom matul perijodu ta' mill-anqas disa' xhur, li huwa t-terminu ta' żmien għall-adattament li minnu l-impriżi li jipproduċu jew jużaw id-Deca BDE kienu jibbenefikaw li kieku, f'Ottubru 2005, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma teżentax id-Deca BDE u li kieku dan il-prodott kien suġġett għall-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2002/95.

83 Ir-rikorrenti u l-intervenjenti l-oħrajn opponew għal tali talba għar-raġuni li hija kellha tkun magħmula fin-noti u li, f'kull każ, l-impriżi kkonċernati kellhom ikunu jafu, wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2002/95, li d-Deca BDE kienet ġiet projbita mil-leġiżlatur Komunitarju.

84 Skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 231 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', jekk tikkunsidrah meħtieġ, tiddikjara liema mill-effetti tar-regolament annullat għandhom jitqiesu li jibqgħu fis-seħħ. Tali dispożizzjoni tista' tiġi applikata wkoll għal deċiżjoni adottata sabiex temenda anness li jinsab f'direttiva (fir-rigward tad-Direttiva stess, ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tal-5 ta' Lulju 1995, Il-Parlament vs Il-Kunsill, C-21/94, Ġabra p. I-1827, punt 31).

85 Fid-dawl tal-kliem ta' din id-dispożizzjoni li minnha jirriżulta li, jekk hija tikkunsidrah meħtieġ, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', anke *ex officio*, tillimita l-effett ta' annullament tas-sentenza tagħha, m'hemmx lok li tiddeċiedi fuq il-konsegwenzi tan-natura allegatament tardiva tat-talba tal-Kummissjoni u tar-Renju Unit.

86 F'din il-kawża, meħud in kunsiderazzjoni l-fatt li l-kontroversja qamet essenzjalment mill-mod li bih il-Direttiva 2002/95 ġiet miktuba, b'mod partikolari mir-relazzjoni kumplessa ħafna bejn l-Artikoli 4 u 5 tagħha u l-punt 10 ta' l-Anness tagħha, kif ukoll il-fatt li l-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata fit-13 ta' Ottubru 2005, jiġifieri disa' xhur qabel ma daħlet fis-seħħ il-projbizzjoni tad-Deca BDE, jiġifieri fl-1 ta' Lulju 2006, hemm lok li, sabiex jittieħdu in kunsiderazzjoni l-interessi ta' l-impriżi kkonċernati, jinżammu fis-seħħ, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, l-effetti tad-dispożizzjoni annullata għal perijodu ta' adattament assolutament neċessarju, jiġifieri sat-30 ta' Ġunju 2008.

**Fuq l-ispejjeż**

87 Skond l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż tal-Parlament u tar-Renju tad-Danimarka fil-kawża C-295/06, kif mitlub mill-istess partijiet.

88 Ir-Renju tad-Danimarka, fil-kawża C-14/06, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Iżvezja u r-Renju tan-Norveġja, minn naħa, kif ukoll ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, li intervjenew sabiex isostnu, dawk ta' l-ewwel, it-talbiet ippreżentati mir-rikorrenti u, dak ta' l-aħħar, it-talbiet tal-konvenuta, għandhom, skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 69(4) ta' l-istess Regoli, ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-punt 2 ta' l-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/717/KE, tat-13 ta' Ottubru 2005, li temenda, għall-finijiet ta' l-adattament tiegħu għall-progress tekniku, l-Anness tad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku, huwa annullat.**

2) **L-effetti tal-punt 2 ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 2005/717 huma miżmuma fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2008, inkluż.**

3) **Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż tal-Parlament Ewropew u tar-Renju tad-Danimarka fil-kawża C-295/06.**

4) **Ir-Renju tad-Danimarka, fil-kawża C-14/06, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Iżvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq kif ukoll ir-Renju tan-Norveġja jbatu l-ispejjeż tagħhom stess.**

Firem